MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1199/2012

**Dr. Jaime H Cremona u martu Elizabeth Cremona**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u l-P.L. Joanna Dingli bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Ronald Patrick Garrett, nominati b'digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Novembru 2012 (kopja hawnhekk annessa u mmarkata 'Dok. JC1')**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Jaime H Cremona u martu Elizabeth Cremona, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

L-intimat Ronald Patrick Garrett huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma kumplessiva ta' tmienja u disghin elf u mija u tlieta u tletin dollaru Amerikan u tlieta u tletin centezmu ($98,133.33), ekwivalenti ghal sitta u sebghin elf, tmien

mija u erbgha u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€76,894.95) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta fid-dsatax (19) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), dovuti in kwantu ghal tmenin elf Dollaru Amerikan ($80,000) import ta’ biljett negozzjabbli (*promissory note*) iffirmat fid-dsatax (19) ta’ Novembru elfejn u disgha (2009) [kopja hawn annessa u mmarkata Dok. JC2], liema ammont gie misluf mir-rikorrent lill-intimat u ghadu ma thallasx lir-rikorrent, ghalkemm iz-zmien indikat ghall-pagament skada, u in kwantu ghal tmintax-il elf u mija u tlieta u tletin Dollaru Amerikan u tlieta u tletin centezmu ($18,133.33) imghax legali mid-data meta l-ammont sar dovut u pagabbli mid-debitur intimat lir-rikorrent ai termini tal-*prommisory note* u cioe’ id-dsatax (19) ta’ Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sad-dsatax (19) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), oltre l-imghax legali li jiddekorri mid-19 ta’ Novembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv;

Inoltre, l-intimat Ronald Patrick Garrett huwa wkoll debitur tar-rikorrenti f’somma ohra ta’ hamsa u tletin elf Dollaru Amerikan ($35,000), ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf, erba’ mija hamsa u ghoxrin Ewro u sbatax-il centezmu (€27,425.17) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta fid-dsatax (19) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), import ta’ self *brevi manu* ripagabbli bla imghax, liema ammont gie misluf lill-intimat permezz ta’ *bank transfer* fit-tnejn (2) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) [kopja tal-*account statement* hawn annessa u mmarkata bhala Dok. JC3];

Il-partijiet kienu ftehmu illi dan is-self *brevi manu* kellu jithallas mill-aktar fis possibli u allura, ai termini tal-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), is-somma ta’ hamsa u tletin elf Dollaru Amerikan ($35,000) hekk mislufa kellha tithallas fi zmien sentejn, izda ghalkemm ghaddew aktar minn sentejn mid-data ta’ dan is-self, l-ammont dovut ghadu ma thallasx lir-rikorrenti;

Ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammonti dovuti, anke permezz tal-ittra ufficjali datata 23 ta’ Awwissu 2012, xorta baqa’ ma thallasx.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u disghin elf u mija u tlieta u tletin Dollaru Amerikan u tlieta u tletin centezmu ($98,133.33), ekwivalenti ghal sitta u sebghin elf, tmien mija u erbgha u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€76,894.95) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) jew somma verjuri skont ir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza, dovuti in kwantu ghal tmenin elf Dollaru Amerikan ($80,000) import ta' biljett negozzjabbli (*prommisory note*) iffirmat fid-dsatax (19) ta' Novembru elfejn u disgha (2009), liema ammont gie misluf mir-rikorrenti lill-intimat, u in kwantu ghal tmintax-il elf u mija u tlieta u tletin Dollaru Amerikan u tlieta u tletin centezmu ($18,133.33) imghax legali mid-data meta l-ammont sar dovut u pagabbli mid-debitur intimat lir-rikorrent u cioe' id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sad-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), oltre l-imghax legali li jiddekorri mid-19 ta' Novembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv;

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u tletin elf Dollaru Amerikan ($35,000), ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf, erba' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u sbatax-il centezmu (€27,425.17) skont ir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) jew somma verjuri skont ir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza, moghtija lilu mir-rikorrenti b'self *brevi manu* fit-2 ta' Lulju 2010, oltre l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2012, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal xi drittijiet ohra li jista' jkollu r-rikorrent.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Cedric Mifsud u l-P.L. Joanna Dingli bhala kuraturi deputati in rapprezentanza ta' Ronald Patrick Garrett, li in forza taghha wiegbu illi:

Il-kuraturi deputati qeghdin jaghmlu bosta tentattivi sabiex ikollhom kuntatt mal-intimat Ronald Patrick Garrett, primarjament, permezz tal-indirizz 9368 SE Dundee Ct. Suite 100, Happy Valley, Oregon 97986, USA, pero' ghad m'ghandhom l-ebda komunikazzjoni mal-istess intimat. Ghalhekk, il-kuraturi deputati mhumiex edotti bil-fatti tal-kaz u ghalhekk mhumiex f'pozizzjoni jwiegbu ghat-talbiet tas-socjeta' attrici f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant, f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Rat l-affidavit ta' Dr. Jaime H Cremona.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Ronald Patrick Garrett.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------